# DISKORS LI SAR NHAR L-INAWGURAZZJONI TAL-MONUMENT TA' DUN KARM FIT-8 TA' SETTEMBRU 1964

mill-On. Dr. A. PARIS, M.D., M.P.
(*Ministru ta' l-Edukazzjoni*)

ĊEREMONJA sempliċi, imma okkażżjoni ta' tifsira kbira – l-inawgurazzjoni uffiċjali ta' statwa li teterna fil-bronż il-memorja tal-Poeta Malti, il-Poeta tagħna, Dun Karm Psaila. Mhux għax biex qatt ma tintesa il-memorja ta' Dun Karm għandna bżonn il-monumenti. Dak li b'sens ta' riverenza u ta' ammirazzjoni jibqa' jfakkar għal dejjem il-memorja ta' dan il-poeta, l-aktar lill-istudjużi ta' l-ilsien Malti, hija il-ġabra ta' kitba poetika, kitba ta' ġmiel, ta' sbuħija u ta' tagħlim imsaħħra tiegħu f'dak li huwa stess isemmi 'għana'. Dun Karm twieled poeta. Kien, kif igħid hu fl-età ta' bejn żagħżugħ u tifel meta d-destin tiegħu ta' poeta ġie ffissat, għax, kif igħid hu stess fil-poeżija *Non Omnis Moriar* "f'nagħsa ta' ħlewwa" ħass ħdejh l-anġlu tal-poeżija li wara li "B'xufftejn eħfef mir-riħ li jgħaddi fietel ma' nżul ix-xemx mill-art għall-baħar", biesu fuq ġbinu, "qallu: 'Semhek il-għana' ".

Il-ġmiel imxerred fil-Holqien, saltnatek;
Il-hena tiegħek minn qalbek u minn ħsiebek.

Dik kienet is-sejħa, dik kienet il-għajta u għalihom Dun Karm wieġeb b'għana poetiku meraviljuż – espressjoni l-aktar ħajja ta' mpressjonijiet u ta' sentimenti li tixgħel il-fantasija tal-Qarrej u jġiegħelu iħoss, u għal mument, igħix mal-poeta. Taħt in-nifs tas-sentiment, ħajja u qawwija toħroġ minn qalb Dun Karm l-ispirazzjoni poetika li huwa mbagħad jagħraf ilibbes b'mod mill-isbaħ permezz ta' versi li huma mudell ta' perfezzjoni.

Dun Karm huwa poeta kbir, tassew ġenjali u oriġinali.: Fl-estru poetiku tiegħu Dun Karm iħares mill-art għas-sema u mis-sema għall-art, u bl-immaġinazzjoni setagħna tiegħu hu jagħti sura u ħajja anki lill-ħwejjeġ l-aktar ċkejkna b'mod li l-qari tal-kitba tiegħu huwa dejjem ta' pjaċir, ta' gost u ta' tagħlim li jġagħlek tammirah. Bħala poeta, lil Dun Karm kollox jixgħellu l-fantasija u jispiralu l-isbaħ ideat u l-isbaħ sentimenti:- *L-Arloġġ Li Jtektek, Il-Kanarin Li Jgħanni, L-Għodwa, L-Ewwel Xita, Il-*

*Mitħna Tar-Riħ, Il-Warda, Ir-Radju, Il-Kelma, Il-Musbieħ.* Kollox taħt il-pinna poetika tiegħu jieħu forma, jieħu ħajja, mill-faxx ta' dawl qawwi li dejjem joħroġ minn kliemu, mill-versi tiegħu.

Fil-kitba tiegħu hemm dejjem l-ispirtu, il-prinċipju morali. Anki barra mill-ħafna inni sagri li huwa kiteb, fosthom l-immortali *Innu Ewkaristiku*, Dun Karm juri dejjem fil-għana poetiku tiegħu l-għeruq ta' twemmin nisrani l-aktar sod ta' dutrina Kattolika l-aktar qawwija. Għat-tfal Dun Karm kiteb *L-Innu Ta' Filgħodu* u *L-Innu Ta' Filgħaxija.* Kienet l-għaxqa tiegħi meta ta' kuljum mid-dar fejn kont noqgħod il-Birgu kont nisma' t-tfal ta' l-iskola jkantaw dik il-ħelwwa ta' versi li jgħaxxquk bi kliem ta' ħajr u ta' tifħir lil Alla.

Mas-sens reliġjuż hemm qawwi wkoll f'Dun Karm is-sens patriottiku u Nazzjonali. Dana jidher sew meta b'versi ta' forza li jolqtulek qalbek, il-poeta jilminta għal dik li hi virtu' f'Malta tal-Lum imqabbla ma' Malta tal-bieraħ, u sew meta b'versi ta' l-akbar armonija iħeġġeġ 'il ħutu Maltin nhar "L-Għoti tal-Kostistuzzjoni ta' 1921":

"Ma tħosshiex ġewwa sidrek il-mewġa
Ta' demm ġdid li f'saħħitha ssaffik?
Ma tħosshiex tilgħab f'wiċċek il-fewġa
Tal-Ħelsien li ħajja oħra tagħtik?"

Versi sublimi, versi qawwija, versi jqanqluk, versi li jixgħelulek qalbek b'imħabba lejn pajjiżek. Versi xejn inqas qawwija u sublimi ma kienu jkunu il-versi ta' Dun Karm kieku kien għadu ħaj illum f'dan il-jum ta' l-ikbar ġrajja ta' l-istorja tagħna, il-jum ta' l-Indipendenza sħiħa tagħna li tqigħedna fost il-ġnus ħielsa tad-dinja.

Imma Dun Karm għadu u jibqa' magħna fl-*Innu Malti* li ħallielna u li llum uffiċjalment sar l-Innu Nazzjonali tagħna; innu li mill-lum 'il quddiem jimxi u jinstama' kull fejn tmur u kull fejn tperper il-bandiera Maltija:-

"Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha,
Ħares Mulej, kif dejjem int ħarist,
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist,
Agħti, kbir Alla, d-dehen lil min jaħkimha
Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'il ħaddiem,
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem".

Dan huwa l-Innu; dan huwa l-poeta, Kif onorajnieh f'ħajtu meta l-Università tagħna tagħtu d-Doctor Litterarum (*Honoris Causa*); meta tajnieh il-medalja tad-deheb "Guże Muscat Azzopardi", meta bil-kunsens unanimu tal-Kamra Legislattiva, il-Gvern Malti bħala apprezzament nazzjonali fl-

1957 tah penzjoni mhux ħażin; meta l-Maestà Tagħha r-Reġina għamlitu "Commander of the British Empire", illum taħt l-awspiċi u bl-inizzjattiva tal-Għaqda 'Christus Rex' qiegħed jitwaqqaflu dan il-monument, hawn f' din il-Biblioteka Nazzjonali tagħna fejn kien ħadem għal 15-il sena bħala Assistent Biblijotekarju. Dana l-monument sabiħ u imponenti huwa l-opra ta' artist Malti: Ġorġ Borg. Fil-bronż ta' din l-istatwa hemm tħabbat il-qalb ta' qima tat-tfal ta' l-iskejjel tagħna li bis-soldi tagħhom għinu biex setgħet issir din l-istatwa, memorja li ma tmut qatt ta' wieħed mill-aqwa awturi tal-Lingwa Tagħna. Anki l-Gvern Malti ta l-kontribut tiegħu għal dan il-monument 'il għaliex mill-flus tal-poplu saret il-kolonna ta' dan il-bust.